# Meta Pietru jara 'l Salvina u l-influwenza ta' Rużann
(pġ. 86, 88, 90, 92)

## Agħżel it-tajba

1. Il-kulur kaħlani ta' għajnejn Pietru jfakkruna mill-ewwel f'(*Rużann, Mark Antonin, Wenzu*).
2. L-ewwel darba li sar jaf b'Salvina (*ma tax kas, baqa' jiftakarha, raha tixbah lil xi ħaddieħor*).
3. Pietru jinħass (*bla interess, determinat, mifxul*) fl-istudju u meta missieru bagħtu għassa mas-siġar (*ma riedx, nesa, kellu ġenn biex*) imur lura d-dar.
4. It-tifel għamel minn kollox biex ma jongħosx u jibqa' attent. Din turi kemm kien (*serju u responsabbli, kellu għal qalbu l-ħidma tal-art, jirrispetta lil missieru*) karatteristika li tkompli turih bħala (*l-qarib, l-ġar, d-dixxendenti*) ta' Rużann.
5. Rużann hi (*misteru, assenti, preżenti*) f'Pietru u ġġiegħlu jitfa' (*idejh, ġebla, ħarstu*) fuq Salvina.
6. Rużann tħares fuq id-dinja li qed jgħixu fiha d-dixxendenti tagħha minn (*ruħhom, qalbhom, għajnejhom*). Dan ikompli joħroġ *(is-similitudni, il-paradoss, il-metafora*) tal-ħarsa.
7. Fid-deskrizzjoni ta' Salvina jinħass l-istil (*modern, Romantiku, romantiku*) tal-awtur li juża ħafna drabi biex jiddeskrivi dak kollu li hu (*Mediterranju, Malti, Ewropew*).
8. Pietru jibqa' jħares ċass lejn Salvina għax (*ma kellux x'jagħmel, għoġbitu mill-ewwel, Rużann kienet qed tikkontrollah*).
9. Salvina tidher xi ftit differenti mill-bqija tat-tfal tal-klassi għax (*ma tridx taqta' frott mis-siġar, titkellem bl-Ingliż biss, tagħmel dak li jiġiha f'rasha*).
10. Pietru jinħass (*irrabjat, kalm, mifxul*) xħin jara lil Salvina qed toqrob iżjed lejn is-siġar ta' missieru.
11. (*Is-similitudni, l-ironija, il-metafora*) tal-għasfur itajjar ġwinħajh f'sider Pietru turi kemm Rużann kellha qawwa fuqu u dan imtela bi (*ħsibijiet, emozzjonijiet, dwejjaq*) li ma kienx jaf jispjega. Din tinħass bħal logħba tat-tfal (*ikkontrollata, imħassra, imposta*) mill-kbar.
12. Pietru jagħmel azzjonijiet li *(jifhimhom, jippjanahom, mhux konxju tagħhom*) għax Rużann qed tmexxi kollox.
13. Ix-xewqa li jerġa' jara lil Salvina baqgħet fih, tant li meta kiber jinħass (*determinat, dubjuż, ferħan*) li se jiżżewwiġha.
14. Għajnejn Rużann "tgħammxu" għax (*ma xtaqux lil Pietru jerġa' jara lil Salvina, ma kinux qed jaraw sew il-futur, il-pjan tagħha ħadem sew fuq Pietru*).

© Sa A. Schembri – Sa C. Zerafa / Skola St Joseph, Tas-Sliema

Schembri - Zerafa